**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 026/2023**

**PT ('Ilmentatrici')**

**Vs**

**Zenith Finance Limited**

**(formerly MFSP Financial Management Limited)**

**Reg No C 42720**

**('Provditur tas-Servizz' jew 'Zenith')**

**Seduta 29 ta' Dicembru 2023**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment**[1] imressaq mill-Ilmentatrici fl-24 ta' Frar 2023.

**L-Ilment**

L-ilmentatrici qalet illi:

*'Jiena kelli portafoll bin-numru ta' referenza C-000XXX ma' Zenith Finance Limited. Fil-hmistax (15) t'April tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), jiena rcevejt ittra mill-amministratur ta' Zenith Finance Limited li kien appuntat mill-Qorti (kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CC1), fejn gejt infurmata illi kien hemm diskussjonijiet varji mal-Qorti f'dawk l-ahhar xhur fir-rigward tal-assi tal-klijenti, liema assi jinkludu l-investimenti tieghi, u li l-Qorti qablet illi jkun hemm ir-rilaxx tal-assi tal-klijenti permezz ta' trasferiment tan-negozju ta' servizzi ta' retail investments ta' Zenith lil CiliaFormosa Financial*

[1] Pagni (p.) 1 - 21

*Advisors Ltd ("CiliaFormosa"), liema ditta hija licenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA").*

*Illi t-trasferiment tal-holdings tiegħi minn Zenith Finance Limited lil CiliaFormosa Financial Advisors Ltd kien dejjem suġġett għall-kunsens a priori tiegħi. In oltre, jiena ġejt infurmata illi fl-eventwalità illi nippreferi nittrasferixxi l-holdings tiegħi lill-fornitur ta' servizzi ta' investiment tal-għażla tiegħi, jiena nista' nagħmel dan u kont diretta illi nikkuntattja lill-fornitur ta' servizzi ta' investiment preferut tiegħi direttament. Għaldaqstant, jien ipproċedejt b'dan il-mod.*

*Jiena avżajt lil Zenith Finance Ltd bl-isem u d-dettalji tal-fornitur ta' servizzi ta' investiment preferut tiegħi sal-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u, għaldaqstant, jiena segwejt kompletament l-istruzzjonijiet ipprovduti fl-ittra surreferita. Fil-fatt, fit-tnejn u għoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), jiena bgħatt ittra lil Zenith Finance Ltd indirizzata lis-Sur Hector J. Spiteri bħala l-amministratur appuntat mill-qorti (hawn annessa u mmarkata bħala Dok. CC2) fejn tajt struzzjonijiet sabiex il-holdings tiegħi jiġu trasferiti lil Integra Private Wealth Ltd ("Integra"), li hija ditta regolata ta' servizzi ta' investiment bin-numru ta' reġistrazzjoni C 46966 u li għandha n-numru tal-liċenzja tal-MFSA IS46966, u pprovdejt id-dettalji kollha fir-rigward ta' kif il-holdings tiegħi għandhom jiġu trasferiti.*

*Nonostante l-fatt illi jiena infurmajt lil Zenith Finance Ltd bl-intenzjonijiet tiegħi illi nittrasferixxi l-portafoll tiegħi lil Integra bħala l-fornitur tas-servizzi preferut tiegħi qabel it-terminu stabbilit mill-amministratur tal-istess Zenith Finance Ltd, il-portafoll la kien trasferit lil Integra, u wisq anqas ma rċevejt kwalunkwe informazzjoni jew komunikazzjoni fir-rigward tat-trasferiment in kwistjoni.*

*Għalkemm l-avukati tiegħi bagħtu ittra legali datata 14 ta' Novembru 2022 (annessa ma' dan l-ilment) lil Zenith Finance Ltd c/o Hector J. Spiteri, fejn intalbet illi tipproċedi bit-trasferiment tal-portafoll tiegħi lil Integra, la jiena u lanqas l-avukati tiegħi ma rċevew risposta. Illi fid-dawl ta' dan kollu, m'għandix triq oħra ħlief illi nipproċedi bl-ilment in kwistjoni.'*[2]

Bħala rimedju l-Ilmentatriċi talbet lill-Arbitru sabiex:

[2] P. 3

‘*Illi fid-dawl tas-suespost, jiena umilment nitlob lill-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji sabiex*:

*(i)* *Jordna lil Zenith Finance Limited li tinsab taht ir-responsabbilità tas-Sur Hector J. Spiteri bhala l-amministratur tal-istess sabiex tipprocedi immedjatament bit-trasferiment tal-Portafoll bin-numru ta’ referenza C-000XXX lil Integra Private Wealth Limited (C 46966);*

*(ii)* *Jiddikjara illi Zenith Finance Limited li tinsab taht ir-responsabbilità tas-Sur Hector J. Spiteri bhala l-amministratur tal-istess, responsabbli ghad-danni kollha li jiena gja sofrejt u li qed inkompli nsofri ghad-dewmien mhux gustifikat fit-trasferiment tal-portafoll tieghi lill-fornitur ta’ servizzi ta’ investiment preferut tieghi, u cioè, Integra Private Wealth Limited;*

*(iii)* *Jillikwida l-kumpens li hu dovut lili bhala konsegwenza diretta tad-dewmien fit-trasferiment tal-portafoll tieghi lill-fornitur ta’ servizzi ta’ investiment preferut tieghi;*

*(iv)* *Jordna lil Zenith Finance Limited li tinsab taht ir-responsabbilità tas-Sur Hector J. Spiteri bhala l-amministratur tal-istess sabiex thallasni l-kumpens likwidat lili ai termini tar-rimedju numru (iii).’*[3]

## Risposta ta’ *Zenith*

Fit-2 ta’ Marzu 2023, l-Amminstratur[4] ta’ *Zenith* baghat ir-risposta fejn qal:

‘*Nikkonfermaw illi l-amministratur baghat ittri lill-klijenti kollha impattati ta’ Zenith Finance Limited fil-15 t’April 2022, fejn infurmahom illi l-assi taghhom hemm bzonn li jigu trasferuti lill-fornitur ta’ servizzi finanzjarji iehor u li dan jista’ jkun CiliaFormosa Financial Advisors Limited jew fornitur iehor tal-ghazla tal-klijenti li hu llicenzjat mill-MFSA.*

[3] P. 21

[4] Hector Spiteri gie appuntat mill-Qorti bhala Amministratur ta’ *Zenith* li kellha l-licenzja taghha irtirata mir-Regolatur

*Nikkonfermaw ukoll illi fit-22 t'April 2022, l-Amministratur ircieva l-istruzzjonijiet tal-klijenta fejn infurmatu li l-fornitur tas-servizzi finanzjarji tal-ghazla taghha kienet infatti l-Integra Private Wealth.*

*Illi fil-15 ta' Gunju 2022, l-Amministratur baghat ittra lis-Sinjura PT fejn irrikonoxxa t-talba taghha kif ukoll talabha numru ta' dokumenti li hemm bzonn li jkunu pprovduti u konkluzi ghas-sodisfazzjon tieghu ghal ragunijiet ta' due diligence qabel ma jista' jkompli bil-process tat-trasferiment. Kopja ta' din l-ittra hi annessa hawn ghar-referenza taghkom.*

*Illi l-klijenta pprovdiet xi dokumenti lill-Amministratur nhar it-18 t'Awwissu 2022, u dawn id-dokumenti kienu, fost ohrajn, ta' hafna klijenti ohra li kellhom bzonn jigu riveduti. Meta dawn gew riveduti, gie nnotat il-fatt li ghalkemm il-klijenta tigi deskritta bhala Politically Exposed Person (PEP) minhabba x-xoghol taghha, il-formola giet immarkata fin-negattiv f'dan ir-rigward u, ghaldaqstant, il-process ma giex konkluz ghaliex kien hemm bzonn ta' korrezzjoni, kjarifikazzjon kif ukoll aktar dokumentazzjoni ghal ragunijiet ta' Enhanced Due Diligence li japplika ghall-PEPs.*

*Illi fil-frattemp, l-Amministratur kien iffaccjat b'cirkostanzi kkumplikati (u li jista' jkun ukoll mhux legali) fejn kellha x'taqsam l-Integra Private Wealth fir-rigward ta' klijenti ohrajn li bihom informa lill-Qorti u talabha wkoll gwida.*

*Illi l-Qorti sussegwentement ordnat lill-Amministratur li ma jaghmel ebda trasferiment lill-Integra Private Wealth sakemm tikkonkludi l-investigazzjonijiet taghha; u illi sal-gurnata tal-lum, din l-ordni ghadha ma gietx ikkancellata.*

*Illi nhar it-3 ta' Frar 2023, jien ircevejt telefonata mill-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji li nfurmawni li s-Sra. PT, permezz tal-Avukat taghha, Dr Paula Briffa ta' DF Advocates, issottomettiet ilment ufficjali ghaliex il-portafoll taghha ghadu ma giex trasferit ghal ghand Integra Private Wealth, u li jien infurmajt l-Ufficcju b'dawn ic-cirkostanzi ta' hawn fuq u qbilna li ser incempel lill-Avukata Briffa sabiex nispjegalha dan kollu.*

*Illi nhar is-6 ta' Frar 2023, ikkuntattjajt lill-Avukata Briffa bit-telefon biex nispjegalha kollox, u l-ghada, (nhar is-7 ta' Frar 2023) bghatt ukoll email fuq l-indirizz elettroniku li pprovdiet Dr Briffa sabiex ikollha kollox bil-miktub. Kopja ta' din l-email hi mehmuza hawn.*

*Illi nhar is-6 ta' Frar 2023, ircevejt telefonata ohra mill-Ufficcju tal-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji sabiex naggornahom b'li ghamilna wara li tkellimna, u li dan l-aggornament pprovdejtu wkoll.*

*Ghaldaqstant, l-Amministratur umilment jixtieq jiddikjara s-segwenti:*

i. *Illi ma jistax jikkonkludi bit-trasferiment ta' ebda assi tas-Sinjura PT (jew ta' ebda klijent iehor) lill-Integra Private Wealth qabel ma l-Qorti ma tippermetti dan specifikament;*

ii. *Illi anke jekk il-Qorti tikkancella l-ordni taghha biex ma jigux trasferiti assi lill-Integra Private Wealth, xorta wahda jrid ikun hemm id-due diligence fuq il-klijenta li jigi kkompletat ghas-sodisfazzjon tieghu;*

iii. *Illi bhalissa r-rizorsi allokati ghall-amministrazzjoni ta' Zenith Finance Limited huma biss ta' persuna wahda fuq bazi 'full time' u persuna ohra li bhalissa tinsab fuq 'maternity leave' u mistennija tirritorna fuq bazi 'part time' f'Mejju 2023, u dan ghaliex fic-cirkostanzi tal-kumpanija mhux possibbli li jizdiedu r-rizorsi; u li dan hemm bzonn li jigi kkunsidrat fir-rigward taz-zmien li jista' jkun li jiehdu il-processi ta' Zenith Finance Limited;*

iv. *Illi r-responsabbiltà tieghu ta' Amministratur hekk kif mahtur mill-Qorti fit-13 ta' April 2021, qed jaqdiha bis-shih u li kwalunkwe danni li qed jigu allegati ma humiex kawza ta' nuqqasijiet tieghu.'*[5]

Fil-fatt dan kollu kien digà gie spjegat lill-avukat tal-Ilmentatrici permezz ta' *email* mill-Amministratur datata 7 ta' Frar 2023[6] qabel ma nfetah l-ilment mal-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji. (OAFS).

## Seduti

L-ewwel seduta nzammet fid-29 ta' Mejju 2023.

L-Arbitru spjega li ma kienx floku li xi hadd jistenna li huwa johrog decizjoni li tmur kontra xi Ordni tal-Qorti. Ghalhekk talab li l-Amministratur ta' *Zenith* iressaq kopja ufficjali tal-Ordni tal-Qorti li tipprojbih milli jmexxi bit-trasferiment mitlub mill-Ilmentatrici.

[5] P. 29 - 30
[6] P. 41

Fis-seduta tal-20 Gunju 2023, l-Amministratur ma ressaqx kopja tal-Ordni tal-Qorti li, però, giet ipprezentata b'mod redatt[7] permezz ta' *email* tat-23 ta' Gunju 2023.[8]

Fis-seduta tas-27 Gunju 2023, l-Arbitru ordna lill-Amministratur jipprezenta kopja mhux redatta tad-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Lulju 2022[9]. Dan gie pprezentat permezz ta' *email* datata 4 ta' Lulju 2023[10].

F'din is-seduta, l-Amminstratur meta mistoqsi ghala ma mexxiex it-talba tal-Ilmentatrici li saret ferm qabel ma hareg id-digriet tal-Qorti, spjega li:

> ***"Kien hemm hafna kunsiderazzjonijiet ghaddejjin sa ma ttiehdet id-decizjoni illi jien ma stajtx nippregudika s-sitwazzjoni tieghi billi nahdem mod u wara naghmel mod iehor. … Jien ridt niehu kwalunkwe pass b'kawtela kbira qabel nagixxi, u proprju ghalhekk ma sarx ir-rikors il-Qorti immedjatament. Kelli bzonn niehu diversi pariri legali, u wara li gbart l-informazzjoni kollha jien stajt naghmlu".***[11]

**Digriet**

Permezz ta' digriet tal-11 t'Ottubru 2023,[12] l-Arbitru talab lill-Ilmentatrici biex jekk, minkejja li nghatat evidenza tad-digriet tal-Qorti li jipprojbixxi t-trasferiment mitlub, xorta tixtieq tmexxi bl-ilment, allura, taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha u wara jaghmel sottomissjonijiet finali l-Amministratur.

**Sottomissjonijiet finali**

L-Ilmentatrici ressqet is-sottomissjonijiet finali fit-3 ta' Novembru 2023 fejn bazikament sostniet:

*'Illi ghaldaqstant, peress li jirrizulta b'mod car illi t-talba tal-esponenti sabiex tittrasferixxi l-portafoll taghha saret xhur qabel ma kien inhareg id-digriet mill-Onorabbli Qorti Kriminali, dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi jekk verament kienx hemm raguni valida li tiggustifika dan in-nuqqas tas-socjetà intimata;*

*Illi fl-umli fehma tal-esponenti, il-fatt illi kien hemm dan id-digriet xhur wara huwa fattur irrelevanti u li s-socjetà intimata qed tuza dan id-digriet bhala skuza*

[7] P. 47
[8] P. 45
[9] P. 54
[10] P. 51
[11] P. 50
[12] P. 56

*u dan sabiex tkun tista' tiggustifika l-agir illegali taghha. Kieku vera kien hemm xi tip ta' preokkupazzjoni mis-socjetà intimata, din kienet tagixxi ferm qabel;*

*Illi in oltre, l-esponenti b'konsegwenza tal-agir tas-socjetà intimata qieghda ssofri danni sostanzjali u ser tibqa' ssofri dawn id-danni ghaliex id-dewmien fit-trasferiment tal-portafoll taghha ikkawza telf konsiderevoli lill-portafoll tal-esponenti u dan peress illi l-istess portafoll m'huwiex qieghed jigi mhaddem. Dan gie spjegat mill-esponenti stess fis-seduta ta' nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju 2023:*

*"Jiena bhala klijenta ta' Zenith, m'inix qed nigi ttrattata bhala klijenta. Flusi mhumiex qeghdin jigu managed. U ghalhekk jiena nixtieq li, kemm jista' jkun, dan il-kaz jinqata' malajr ghax jiena l-investimenti tieghi qed nitlef il-flus fuqhom. Nghid li din ilha ghaddejja mill-2022 u din il-karta ilha minn dak iz-zmien tigi mfittxija."*

*Illi, minghajr pregudizzju, jigi rilevat ukoll illi s-socjetà Integra Private Wealth Ltd talbet permezz ta' rikors lill-Onorabbli Qorti Kriminali sabiex tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha ta' nhar l-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn, tnejn u ghoxrin (2022) u dan in vista tal-fatt illi jirrizulta li l-Kummissarju tal-Pulizija ma ha l-ebda passi fil-konfront ta' Andre Micallef fir-rigward ta' dan id-digriet u dan peress li Micallef qatt ma gie investigat mill-Pulizija;*[13]

*Illi finalment, jirrizulta wkoll li l-allegazzjonijiet li saru minn Hector Spiteri huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi Andre Micallef qatt ma okkupa l-kariga ta' direttur tas-socjetà Zenith Finance Limited, u dan minhabba li Micallef, minkejja li kien direttur tas-socjetà MFSP, fis-sena elfejn u sbatax (2017) kien irrezenja u, ghalhekk, qatt ma kellu ebda tip ta' kuntatt jew involviment fis-socjetà Zenith Finance Limited. Barra minn hekk jirrizulta wkoll li Micallef qatt ma kellu access u m'ghandux informazzjoni dwar l-assi tas-socjetà intimata u li ghalhekk ma jistax ikun li Micallef qieghed jghaddi xi tip ta' informazzjoni dwar l-assi tas-socjetà intimata lis-socjetà Integra Private Wealth Ltd.'*[14]

L-Amministratur ma ghamel ebda sottomissjonijiet finali.

[13] Dan qieghed jigi rilevat f'din in-nota minhabba li l-esponenti ma nghatatx l-opportunità minn dan it-Tribunal sabiex tressaq il-provi kollha taghha u dan peress li l-esponenti ntalbet taghmel is-sottomissjonijiet taghha meta l-partijiet kienu qeghdin iressqu l-provi taghhom.
[14] P. 65 - 66

## Analizi u konkluzjoni

L-Arbitru jehtieg jiddeciedi jekk il-kawtela li wera l-Amministratur li ma esegwixxiex mill-ewwel it-talba tal-Ilmentatrici biex jittrasferixxi l-portofoll ta' investimenti li kellha ma' *Zenith* lis-socjetà tal-ghazla taghha, f'dan il-kaz, *Integra Private Wealth Limited*, u minflok fittex gwida mill-Qorti li hatritu (li mbaghad wasslet ghall-hrug tal-Ordni li pprojbixxiet b'mod temporanju dan it-trasferiment) kienx ta' pregudizzjoni ghall-interessi tal-Ilmentatrici.

Jirrizulta li l-Amministrattur b'xi mod intebah li kien hemm konnessjoni bejn ex-direttur ta' *Zenith*, li issa kien direttur ta' *Integra*, u b'hekk deherlu li jkun prudenti li jgib dan il-fatt ghall-konjizzjoni tal-Qorti li hatritu u jitlob gwida mill-Qorti. Il-fatt li l-Qorti harget l-Ordni biex it-trasferiment ma jsirx qabel ma jsiru aktar investigazzjonijiet mill-pulizija, juri li l-kawtela tal-Amministratur ma kinetx sproporzjonata jew barra minn lokha.

L-Arbitru jinnota wkoll illi filwaqt li prezentement it-trasferiment ma jistax isir minhabba l-Ordni tal-Qorti li harget fl-14 Lulju 2022, l-Ilmentatrici damet sat-18 t'Awwissu 2022 ma pprovdiet id-dokumenti mitluba mill-Amministratur ghal skopijiet ta' *due diligence* kif kien obbligat jaghmel. Ghalhekk ma hux il-kaz li l-Amministratur, ghax hass il-bzonn li jfittex gwida mill-Qorti, b'xi mod ippregudika l-interessi tal-Ilmentatrici ghax it-trasfertiment, qorti u mhux qorti, ma setax isir qabel ma jsir id-*due diligence.*

Anke r-risposta tat-18 Awwissu 2022 tidher li ma kinetx bizzejjed biex jigi konkluz id-*due diligence*.[15] Jidher li anke sas-7 ta' Frar 2023, l-Ilmentatrici kienet ghadha ma tatx l-informazzjoni necessarja biex dan id-*due diligence* isir b'sodisfazzjon ghall-Amministratur.[16]

L-Arbitru wkoll isib diffikultà biex jaccetta l-argument li l-Amministratur b'xi mod ikkawza xi danni lill-Ilmentatrici bl-agir tieghu. Il-fatt li sal-lum it-trasferiment ghadu ma sarx huwa ghaliex il-Qorti ordnat biex ma jsirx it-trasferiment lill-*Integra*, izda ma pprojbitx li dan it-trasferiment isir lejn xi operatur iehor licenzjat. Galadarba d-*due diligence* jigi konkluz, l-Ilmentatrici tista' taghti struzzjonijiet lill-Amministratur biex jittrasferixxi l-portafoll taghha lil xi Provditur tas-Servizz li ma kienx milqut bl-Ordni tal-Qorti.

---

[15] P. 29
[16] P. 41

Ghalhekk, jekk l-Ilmentatrici qed issofri xi danni minhabba d-dewmien fit-trasferiment, dan huwa minhabba li damet biex tforni d-dokumentazzjoni necessarja biex isir id-*due diligence* u/jew ghax trid tinsisti li t-trasferiment isir lill-*Integra* meta taf li hemm Ordni tal-Qorti biex dan ma jsirx.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet spjegati, l-Arbitru qed jichad dan l-ilment u ma jaghti l-ebda wiehed mir-rimedji pretizi.[17]

L-ispejjez tal-kaz huma a karigu tal-Ilmentatrici.

**Alfred Mifsud**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[17] P. 21